

Il-mogħdija tiegħek għal informazzjoni li tista' taf dha dwar is-saħħa pubblika

## F'din il-ħarġa - 24 Settembru 2020

- [Editorjal](#)
- [Proġett fl-Istampa](#)
- [Fatti/Ċifri Ewlenin](#)
- [Aħbarijiet mill-UE](#)
- [Avvenimenti li ġejjin](#)
- [Stqarrijiet għall-Istampa mill-UE](#)
- [Pjattaforma tal-Politika dwar is-Saħħa tal-UE](#)



| [Twitter Health](#)

## Editorjal

### Taqtax qalbek! Mhux perikoluż – u hu importanti – li tfittex l-għajnuna u l-kura għall-mard kardjovaskulari matul il-COVID-19

Stefan Schreck, il-Kap tal-Unità tal-Promozzjoni tas-Saħħa, il-prevenzjoni tal-mard, l-istrumenti finanzjarji, jittellem magħna fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Qalb fis-29 ta' Settembru. Il-mard kardjovaskulari hu l-kawża numru wieħed ta' mwiet prematuri mad-dinja kollha.

[Agra aktar...](#)

## Proġett fl-Istampa

### CHRODIS Plus

CHRODIS PLUS, li damet għaddejja mill-2017 sal-2020, kienet azzjoni konġunta ffinanzjata mill-Kummissjoni biex tippromwovi l-implimentazzjoni ta' politiki u prattiki li ntwerew li jnaqqsu b'suċċess il-piż tal-mard kroniku. L-għan kien li dawn il-politiki u l-proġetti ttestjati jiġu kondiviżi mal-pajjiżi kollha tal-UE.


[Agra aktar...](#)

▲ [top](#)

## Fatti/Ċifri Ewlenin

## Standardised rate of deaths from coronary heart diseases in the EU

(per million inhabitants, 2016 data)  EU value = 1 190



[ec.europa.eu/eurostat](https://ec.europa.eu/eurostat) 

[▲ top](#)

## Aħbarijiet mill-UE

### **Id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-President von der Leyen: it-tfassil tat-triq biex noħorġu mill-kriżi tal-coronavirus u lejn il-futur**

Fl-ewwel diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tagħha, il-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen wiegħdet li l-Kummissjoni se tixpruna rkurpu sostenibbli u trasformattiv li se jagħti lill-Ewropa pjattaforma globali biex ikollha rwol mexxej fil-livell ekonomiku, ambjentali u ġeopolitiku. Id-diskors tagħha kien fih għadd ta' punti speċifiċi dwar is-saħħa.

[Agra aktar...](#)

### **Laqgħa inawgurjali tal-Kunsill ta' Faċilitazzjoni tal-Aċċeleratur tal-Aċċess għall-Għodod kontra l-COVID-19**

Fl-10 ta' Settembru 2020, Dr Tedros Adhanom Ghebreyesus, id-Direttur Ġenerali tad-WHO, u Dr Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, ospitaw b'mod konġunt il-laqgħa inawgurjali tal-Kunsill ta' Faċilitazzjoni tal-Aċċeleratur tal-Aċċess għall-Għodod kontra l-COVID-19.

[Agra aktar...](#)

### **Iċċekkja l-paġna web dedikata għall-aħħar aħbarijiet dwar ir-rispons tal-UE għall-coronavirus**

Sib aġġornamenti u informazzjoni preċiża li tista' sserraħ fuqha biex tibqa' aġġornat dwar din is-sitwazzjoni li qed tevolvi kontinwament.

[Agra aktar...](#)

### **77% tas-suwiċidji fl-UE kienu tal-irġiel**

Fl-2016 madwar 48,700 persuna fl-UE mietu b'riżultat ta' azzjonijiet intenzjonati li jweġġgħu lilhom infushom, li jammontaw għal 1% tal-imwiet kollha rrapportati dik is-sena. Kważi 8 minn kull 10 ta' dawn is-suwiċidji (77%) seħħu fost l-irġiel. Bħala medja, fl-2016 kien hemm kważi 11-il mewta suwiċida għal kull 100,000 abitant fl-UE.

[Agra aktar...](#)

### **Ippubblikati Indikaturi tas-Saħħa Ewropej ġodda dwar l-istennija tal-għomor**

L-indikaturi L-istennija tal-għomor (ECHI 10a) u L-istennija tal-għomor skont il-kisbiet edukattivi (ECHI 10b) reċentement ġew aġġornati bl-aktar statistika reċenti tal-Eurostat.

[Agra aktar...](#)

### **Sejħa għal data għall-10 edizzjoni tal-Atlas tad-Dijabete tal-Federazzjoni Internazzjonali tad-Dijabete**

Il-Federazzjoni Internazzjonali tad-Dijabete qed tfittex sorsi ġodda ta' data ta' prevalenza tad-dijabete biex tinkludiha fl-10 edizzjoni tal-Atlas tad-Dijabete tal-IDF li għandha tiġi ppubblikata fl-2021. Sorsi ta' data li jistgħu jgħinu biex jitjiebu l-istimi jistgħu jiġu sottomessi sal-31 ta' Diċembru 2020.

[Agra aktar...](#)

▲ [top](#)

---

## Avvenimenti li ġejjin

### **Settembru huwa x-Xahar Dinji tal-Alzheimer**

Ix-Xahar Dinji tal-Alzheimer huwa l-kampanja internazzjonali minn Alzheimer's Disease International kull Settembru biex titqajjem kuxjenza u tiġi miġġielda l-istigma assoċjata mad-dimenzja.

[Agra aktar...](#)

▲ [top](#)

---

## Stqarrijiet għall-Istampa mill-UE

### **Il-coronavirus: Il-Kummissjoni tibda tittestja s-servizz ta' gateway ta' interoperabbiltà għall-apps nazzjonali għat-traċċar u t-twissija tal-kuntatti**

Biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-apps għall-prossimità bejn l-apparati mobbli għat-traċċar u t-twissija tal-kuntatti ħalli tinkiser il-katina tal-infezzjonijiet tal-coronavirus u jiġu salvati l-ħajjiet, il-Kummissjoni qed tistabbilixxi s-servizz ta' gateway ta' interoperabbiltà li jgħaqqad flimkien l-apps nazzjonali fl-UE kollha.

[Agra aktar...](#)

### **Id-diżinformazzjoni: L-UE tivvaluta l-Kodiċi ta' Prattika u tippubblika rapporti tal-pjattaforma dwar id-diżinformazzjoni relatata mal-coronavirus**

Il-valutazzjoni turi li l-Kodiċi wera li huwa strument siewi ħafna u li pprovda qafas għal dialoġu strutturat bejn il-partijiet ikkonċernati. Fl-istess ħin, tenfasizza ċerti nuqqasijiet, prinċipalment minħabba n-natura awtoregolatorja tal-Kodiċi.

[Agra aktar...](#)

### **In-Network Ewropew għall-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa (EUnetHTA) jippubblika analiżi għat-terapiji disponibbli għall-pandemija tal-COVID-19**

L-EUnetHTA reċentement ippubblika l-ewwel "analiżijiet kollaborattivi rikorrenti" tiegħu għal 14-il terapija farmaċewtika u mhux farmaċewtika (eż. plażma konvalexxenti) disponibbli għall-COVID-19

[Agra aktar...](#)

### **Ir-rispons globali għall-coronavirus: Pont Umanitarju bl-Ajru tal-UE lejn il-Perù u €30.5 miljun għall-Amerika Latina u l-Karibew**

Operazzjoni tal-Pont Umanitarju bl-Ajru tal-UE li tikkonsisti fi tliet titjiriet lejn Lima, il-Perù wasslet total ta' aktar minn 4 tunnellati ta' materjal li jsalva l-ħajja lill-organizzazzjonijiet umanitarji attivi fil-pajjiż. Fl-istess ħin, l-UE ħabbret €30.5 miljun f'assistenza umanitarja biex tappoġġja lil dawk l-aktar vulnerabbli fl-Amerika Latina u l-Karibew fl-2020.

[Agra aktar...](#)

### **Konsultazzjoni pubblika u seduta dwar l-Opinjoni preliminari dwar is-sikurezza tal-impjanti tas-sider fir-rigward tal-linfoma anaplastika taċ-ċelloli kbar**

Il-konsultazzjoni pubblika dwar l-Opinjoni preliminari mill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Saħħa, l-Ambjent u r-Riskji Emerġenti se tkun miftuħa mis-26 ta' Ottubru sas-7 ta' Diċembru 2020. Is-seduta se ssir fis-16 ta' Novembru. Dawk li jixtiequ jipparteċipaw għandhom jirreġistraw sas-16 ta' Ottubru.

[Agra aktar...](#)

## **Il-Kummissjoni triedi konsultazzjoni pubblika dwar l-Opinjoni preliminari dwar is-sigaretti elettronici**

L-għan ewlieni tal-opinjoni xjentifika huwa li tassisti lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-aktar informazzjoni xjentifika u teknika reċenti dwar is-sigaretti elettroniċi. Il-partijiet ikkonċernati huma mistiedna jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-evidenza xjentifika sas-26 ta' Ottubru 2020.

[Agra aktar...](#)

▲ [top](#)

---

## **Pjattaforma tal-Politika dwar is-Saħħa tal-UE**

### **Webinar dwar l-istrateġija tal-UE għall-Vaċċini ospitat fuq il-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa**

[Agra aktar...](#)

▲ [top](#)

[Abbona/Waqqaf l-abbonament](#) | [Edizzjonijiet preċedenti](#) | [Issuġġerixxi aħbarijiet u avvenimenti](#) | [Ibgħat lil ħabib](#)

Il-Kummissjoni Ewropea hija impenjata għall-protezzjoni tad-data personali. Kwalunkwe data personali hija pproċessata skont ir-Regolament (UE) 2018/1725.

L-informazzjoni personali kollha pproċessata mid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari hija ttrattata skont dan.

Din in-newsletter hi [disponibbli fi 23 lingwa uffiċjali tal-UE](#)

Il-Kummissjoni Ewropea hija impenjata għall-protezzjoni tad-data personali. Kwalunkwe data personali hija pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725. Jekk jogħġbok agra l- [istqarrija ta' privatezza](#)